RAKKOMANDAZZJONIJIET

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-6 ta' Frar 2014

dwar miżuri ta' kontroll tad-*Diabrotica virgifera virgifera* Le Conte f'żoni tal-Unjoni fejn il-preżenza tiegħu hija kkonfermata

(2014/63/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 292 tiegħu,

Billi:

(1) Id-*Diabrotica virgifera virgifera* Le Conte (minn hawn 'il quddiem magħruf bħala: "*Diabrotica*") huwa pest insett mhux endemiku tal-qamħirrum. Dan infirex u stabbilixxa lilu nnifisu f'aktar minn nofs iż-żona tal-Unjoni li fiha jitkabbar il-qamħirrum.

(2) Il-miżuri biex jiġi evitat it-tixrid tad-*Diabrotica* fl-Unjoni mwettqa skont id- Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/766/KE [1] ma kinux ta' suċċess. Barra minn hekk, skont valutazzjoni tal-impatt imwettqa mill-Kummissjoni mhuwiex fattibbli li wieħed jipprova jeqred lil dan il-pest mit-territorju tal-Unjoni u lanqas li jiġi evitat it-tixrid tiegħu fl-oqsma li bħalissa huma ħielsa minn dan l-organiżmu ta' ħsara. Għalhekk il-Kummissjoni ddeċidiet bid-Direttiva ta' Implimentazzjoni 2014/19/UE [2] u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/62/UE [3] li tirtira r-rikonoxximent tad-*Diabrotica* bħala organiżmu ta' ħsara rregolat bi *status* ta' kwarantina, billi tħassru mill-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE [4], u li tħassar id-Deċiżjoni 2003/766/KE, rispettivament.

(3) Skont id-Deċiżjoni 2003/766/KE n-newba tal-uċuħ tar-raba' saret obbligatorja biss għall-qerda ta' tifqigħ iżolat tad-*Diabrotica*. Madankollu, studji xjentifiċi wrew li n-newba tal-uċuħ tar-raba' hija l-aktar teknika effettiva sabiex jitrażżan ukoll it-tifrix tad-*Diabrotica* u jitnaqqas l-impatt tiegħu. Apparti l-fatt li n-newba tal-uċuħ tar-raba' hija metodu effettiv għall-kontroll tad-*Diabrotica*, din għandha diversi vantaġġi oħra mil-lat ambjentali. Dawn jinkludu t-titjib jew iż-żamma tal-fertilità u l-istruttura tal-ħamrija, u t-tkissir ta' ċikli tal-pesti u tax-xibt bil-potenzjal li titnaqqas id-dipendenza tal-bdiewa fuq l-użu ta' fertilizzanti li fihom il-kimiċi u prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti. B'konsegwenza, in-newba tal-uċuħ tar-raba' għandha wkoll impatt pożittiv fuq il-kwalità tal-arja u tal-ilma, u fuq il-bijodiversità. Madankollu, minn studji oħrajn li saru dwar dan il-pest, deher ċar li bit-tixrid tiegħu hemm il-potenzjal ta' dipendenza akbar fuq l-insettiċidi, peress li f'xi każijiet jista' jkun diffiċli li jinstabu alternattivi ekonomikament attraenti għall-qamħirrum fin-newba.

(4) Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jipprevedu kontroll effettiv u sostenibbli tad-*Diabrotica*, anki wara l-irtirar tar-rikonoxximent tad-*Diabrotica* bħala orġaniżmu ta' ħsara rregolat bi *status* ta' kwarantina. L-Artikolu 14 tad-Direttiva 2009/128/KE tal-parlament Ewropew u tal-Kunsill [5] jipprovdi għall-Istati Membri biex jistabbilixxu inċentivi xierqa biex iħeġġu lill-utenti professjonali sabiex jimplimentaw, fuq bażi volontarja, linji gwida speċifiċi għall-uċuħ tar-raba' jew għas-settur għall-ġestjoni integrata ta' organiżmi ta' ħsara, li għandhom jitfasslu mill-awtoritajiet pubbliċi jew l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw utenti professjonali partikolari, skont il-prinċipji ġenerali tal-ġestjoni integrata ta' organiżmi ta' ħsara, il-prevenzjoni tal-okkorrenza ta' pesti għandha rwol ewlieni biex titnaqqas il-ħtieġa ta' intervent bi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti. Barra minn hekk, metodi sostenibbli bijoloġiċi, fiżiċi u mhux kimiċi oħrajn għandhom ikunu ppreferuti minn metodi kimiċi jekk huma jipprovdu kontroll sodisfaċenti tal-organiżmi ta' ħsara.

(5) Skont dawn il-prinċipji ġenerali tal-ġestjoni integrata ta' organiżmi ta' ħsara, l-applikazzjoni tan-newba tal-uċuħ tar-raba', tal-monitoraġġ xieraq tal-popolazzjonijiet tad-*Diabrotica* u miżuri rilevanti oħra jevitaw it-tixrid ta'

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/766/KE tal-24 ta' Ottubru 2003 dwar miżuri ta' emerġenza biex ma jitħalliex it-tixrid ta' *Diabrotica virgifera* Le Conte fil-Komunità (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 49).

[2] Id-Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/19/UE tas-6 ta' Frar 2014 li temenda l-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità. Ara paġna 30 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

[3] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/62/UE tas-6 ta' Frar 2014 li tħassar id-Deċiżjoni 2003/766/KE dwar miżuri ta' emerġenza biex ma jitħalliex it-tixrid ta' *Diabrotica virgifera* Le Conte fil-Komunità. Ara paġna 45 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

[4] Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità (ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1).

[5] Id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 71).

organiżmi ta' ħsara, bħal miżuri ta' iġjene u t-tindif tal-makkinarju agrikolu, għandhom ikunu inklużi f'linji gwida speċifiċi għall-użu tar-raba' jew għas-settur.

(6) Barra minn hekk, sabiex jissaħħaħ ir-rispett mill-utenti tal-Artikolu 55 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] jekk jintużaw insettiċidi biex jikkontrollaw id-*Diabrotica*, il-linji gwida speċifiċi għall-użu tar-raba' jew għas-settur għall-ġestjoni integrata ta' organiżmi ta' ħsara li jikkonċernaw lil dan il-pest għandhom ikunu konformi mar-regoli dwar l-użu xieraq tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti kif stabbilit f'dik id-dispożizzjoni.

(7) Utenti professjonali ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti għandu jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom informazzjoni u għodod għall-monitoraġġ tad-*Diabrotica*, kif ukoll servizzi ta' konsulenza dwar ġestjoni integrata ta' organiżmi ta' ħsara, inklużi prevenzjoni u metodi ta' kontroll speċifiċi għad-*Diabrotica*. Ir-riżultati tal-monitoraġġ għandhom jgħinu lill-bdiewa biex jiddeċiedu jekk għadx hemm bżonn japplikaw il-miżuri ta' protezzjoni tal-pjanti u meta. Huwa importanti li valuri ta' limitu robusti u xjentifikament tajbin għall-popolazzjonijiet tad-*Diabrotica* jkunu ddefiniti għar-reġjun, peress li dawn huma komponenti essenzjali għat-teħid ta' deċiżjonijiet.

(8) Għalhekk l-Istati Membri li jiżguraw, f'konformità mal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2009/128/KE, li l-utenti professjonali kollha jkollhom aċċess għal taħriġ dwar suġġetti speċifiċi, għandhom jinkludu wkoll id-dispożizzjonijiet ta' din ir-Rakkomandazzjoni fil-programm ta' taħriġ rispettiv.

(9) Ir-riċerka u l-iżvilupp fuq għodod teknoloġiċi għall-kontroll sostenibbli tad-*Diabrotica* għandhom ikunu promossi biex ikunu żgurati miżuri aktar effiċjenti ekonomikament u ambjentalment sostenibbli kontra dak l-organiżmu ta' ħsara,

ADOTTAT DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

1. L-Istati Membri għandhom iqisu l-prinċipji ġenerali ta' ġestjoni integrata ta' organiżmi ta' ħsara stabbiliti fl-Anness III tad-Direttiva 2009/128/KE għall-kontroll tad-*Diabrotica virgifera virgifera* Le Conte (minn hawn 'il quddiem "*Diabrotica*") f'żoni tal-Unjoni fejn il-preżenza tiegħu hija kkonfermata. Għall-iskopijiet ta' din ir-Rakkomandazzjoni "kontroll" tfisser it-tneħħija tad-densità tal-popolazzjoni ta' pest b'tali mod li ma tikkawżax telf ekonomiku sinifikanti, bil-ħsieb li tiġi żgurata produzzjoni ekonomikament sostenibbli tal-qamħirrum.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li linji gwida speċifiċi għall-użu tar-raba' jew għas-settur għall-ġestjoni integrata ta' organiżmi ta' ħsara, imfassla mill-awtoritajiet pubbliċi jew l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw utenti professjonali partikolari, dwar id-*Diabrotica* indirizzati lill-bdiewa tal-qamħirrum u utenti professjonali ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti huma konformi mar-regoli dwar l-użu xieraq tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti kif stabbiliti fl-Artikolu 55 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

3. Metodi sostenibbli bijoloġiċi, fiżiċi u mhux kimiċi oħrajn għandhom ikunu ppreferuti minn metodi kimiċi jekk ikunu jipprovdu kontroll sodisfaċenti tal-organiżmi ta' ħsara. Għalhekk, il-kontroll tad-*Diabrotica* minn utenti professjonali għandu jinkiseb jew jiġi appoġġat bl-azzjonijiet li ġejjin:

(a) in-newba tal-użu tar-raba';

(b) l-użu ta' aġenti tal-bijokontroll;

(c) l-adattament tad-data taż-żrigħ tal-qamħirrum sabiex jiġi evitat li l-ġerminazzjoni taħbat mat-tifqis tal-larva;

(d) it-tindif ta' makkinarju agrikolu u t-tneħħija ta' pjanti spontanji tal-qamħirrum u miżuri oħra ta' iġjene.

In-newba tal-użu tar-raba' għandha tiġi ppreferuta fid-dawl tal-effettività għolja tagħha fil-kontroll tad-*Diabrotica* u minħabba l-benefiċċji agronomiċi u ambjentali tagħha fit-tul.

4. Il-miżuri kollha stabbiliti fil-punt 3 għandhom ikunu akkumpanjati mill-monitoraġġ tal-preżenza tad-*Diabrotica* sabiex jiġu identifikati l-ħtieġa u ż-żmien xieraq għal azzjoni protettiva. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-monitoraġġ effettiv tal-popolazzjoni tad-*Diabrotica* jsir billi jintużaw metodi u għodod xierqa. Il-valuri ta' limitu xjentifikament tajbin għall-popolazzjonijiet tad-*Diabrotica* għandhom jiġu stabbiliti skont ir-reġjun, billi dawn huma komponenti essenzjali għat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar l-applikazzjoni ta' kwalunkwe miżura ta' kontroll.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw, skont l-Artikolu 14(2) tad-Direttiva 2009/128/KE, li l-utenti professjonali ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom informazzjoni u għodod għall-monitoraġġ tad-*Diabrotica*.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-servizzi ta' konsulenza dwar ġestjoni integrata ta' organiżmi ta' ħsara, kif previst fl-Artikolu 14(2) tad-Direttiva 2009/128/KE, jipprovdu wkoll pariri speċifiċi dwar il-kontroll tad-*Diabrotica* lill-utenti professjonali kollha tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti. L-Istati Membri għandhom ukoll jistabbilixxu inċentivi xierqa biex iħeġġu lill-utenti professjonali sabiex jimplimentaw il-linji gwida speċifiċi għall-użu tar-raba' jew għas-settur imsemmija fil-punt 2.

[1] Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1)

7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-utenti professjonali kollha tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jkollhom aċċess għal taħriġ rigward il-kontroll sostenibbli tad-*Diabrotica*. Id-dispożizzjonijiet ta' din ir-Rakkomandazzjoni għandhom isiru parti mit-taħriġ żgurat mill-Istati Membri skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2009/128/KE.

8. L-Istati Membri għandhom jippromwovu r-riċerka u l-iżvilupp ta' għodod teknoloġiċi għall-kontroll sostenibbli tad-*Diabrotica*.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Frar 2014.

Għall-Kummissjoni

Tonio BORG

Membru tal-Kummissjoni